MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 2268/2003

**Bonnici Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Philip Bugeja**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm962.85c (disa’ mija u tnejn u sittin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti prezz ta’ premiums ta’ poloz ta’ assikurazzjoni mahruga favur il-konvenut mis-socjeta’ attrici fuq struzzjonijiet tieghu stess.

Illi l-konvenut naqas milli jhallas dan l-ammont ghalkemm gie mitlub ihallas f’diversi okkazzjonijiet.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ Ittra Ufficjali datata 17 t’Ottubru, 2003 kontra l-konvenut u bl-imghax skond il-ligi kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat fit-30 ta’ Settembru, 2004 mis-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut;

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil Dr Louis Bianchi jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------